Nru. 778


ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandha tiġi msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna tal-istess skeda msemmija.

No. 778

NAMING OF STREETS IN MALTA


IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

ĦAL KIRKOP **Prolungament** Triq li għadha bla isem bejn Triq Karlu Darmanin u Triq Danny Cremona, u li fil-preżent tifforma parti minn Triq Tal-Fieres, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta tiġi pprolungata ma' u tissemma: **TRIQ TAL-FIERES**	
ĦAL KIRKOP Triq ġdida fi Triq Ta' l-Aħfar indikata b'linja u mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: **TRIQ FRANCIS MIZZI** EDUKATUR 1933 – 2015 Triq bla isem biswit Ġnien Rousset, indikata b'linja u mmarkata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: **TRIQ ĠNIEN ROUSSET**	

ĦAL SAFI

Triq bla isem li tibda minn ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Safi u tispiċċa kantuniera ma' Triq Carmelo Caruana, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ TAL-KARWIJA



PAOLA

Il-ġnien magħruf bħala Ġnien Wied Blandun, immarkat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:

ĠNIEN
IL-PERIT DOM MINTOFF

Dik it-triq li parti minnha msemmija Triq il-Wied u l-parti l-oħra msemmija Triq Mater Boni Consilii, indikata b'linja u mmarkata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ KARL CHIRCOP
TABIB u POLITIKU
1965 – 2008



BORMLA
Korrezzjoni

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 728 tas-17 ta' Diċembru, 1985, għandha ssir din il-korrezzjoni kif indikata b'tipi grassi:

Parti minn Triq Santa Margerita li tibda minn Triq l-Oratorju u tiżbokka fi Triq San Rokku ....
għandha taqra
Triq Santa Marija li tibda minn Triq l-Oratorju u tiżbokka fi Triq San Rokku ....